TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur

CCT 228/14/MS

Roberta Cutajar

vs

Castello Dei Baroni Ltd.

8 ta' Mejju 2017

It-Tribunal

Ra l-avvizipprezentat mill-attrici fit-12 ta' Novembru 2014 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' €3086.70, ammont illi hallset lis-socjeta' intimata, ghat-tieg taghha li gie organizzat fil-lokal Castello dei Baroni fl-20 ta' Settembru 2014, meta inqata' id-dawl waqt ir-riceviment bil-konsegwenza li l-attrici sofriet danni.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata tad-9 ta' Dicembru 2014, fejn irrifjutat it-talba attrici peress li ma kienx tort taghha li nqata' id-dawl u fi kwalunkwe kaz, ir-riceviment sar xorta wahda. Terga' u tghid l-attrici hadet kumpens peress illi ma gietx mitluba thallas is-sahra (overtime).

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti tal-kawza.

Ikkunsidra.

Illi mhuwiex kontestat bejn il-partijiet illi l-attrici organnizat ir-riceviment tat-tieg taghha fil-fond tas-socjeta' intimata u ukoll li ta' dan hallset l-ammont shih ta' €3,026.70. L-attrici qed tippretendi li tiehu lura dak kollu li hallset kif ukoll dak li tat l-attendant (€60.00) b'total allura ta' €3086.70.

Mhuwiex kontestat ukoll illi f'xi hin waqt ir-riceviment bejn l-10.00pm u l-11.00pm ta' filghaxija, partijiet mill-istabbilment gew bla dawl. Dawna kienu principalment il-kcina u l-pool area, fejn allura gie affetwat l-andamanet tar-riceviment peress illi ma setghetx tigi operata l-kcina kif suppost u l-anqas ma setghet tindaqq muika. (ara xhieda ta' Antoine Borg Bonaci - 12 ta' Jannar 2015).

Illi rapprezentant tas-socjeta' intimata fuq il-post ipprova jixghel il-generator u ighid li dan hadem ghal ftit u rega' waqaf. Irrizulta wkoll illi l-generator gie mixghul xi hames jew sitt darbiet sakemm ceda ghal kollox u ma hadimx aktar. Arnold Sammut, kugin tal-gharusa rikorrenti u li ghandu licenzja ta' electrician ipprova jidentifika l-hsara u sab illi l-problema keinet fil-coolant tal-generator li ma kienx sufficjenti b'tali mod li dan kien qed jishon u jieqaf wahdu biex ma jsirx hsara. Sussegwentement, wara li gew in-nies tal-Enemalta f'xi nofs il-lejl, irrejalizzaw illi mar *fuse* mill-*fuse box* tal-gvern, biddluh, u l-elettriku gie represtinat. Dan pero kien tard bil-lejl, in-nies kienu diga bdew jitilqu u l-attrici tallega illi t-tieg taghha gie irvinat u ghalhekk qed titlob id-danni.

Ikkunsidra

Jinghad mill-bidu nett illi l-kawza tal-qtugh tad-dawl ma kienx wiehed regjonali, izda kien partikolari ghal fond in kwistjoni. Irrizulta mill-provi illi l-fond huwa munit b'elettriku 3 phase u dawn ikunu protetti bi *fuse boxes* b'supply separati. Meta jmur *phase* minnhom, it-tnejn l-ohra jibqghu jixghelu u b'hekk tispjega kif partijiet mill-istabbiliment baqghu bid-dawl u partijiet ohra ma baqghux. Dak il-phase pero' ma kienx maqtugh b'xi konsegwenza ta' operat tal-Enemalta izda il-ghaliex mar *fuse* minn *fuse box* tal-istabbiliment. Ma rrizultax x'kienet il-kawza tal-qtugh ta' dan il-*fuse*. Hu x'inhu, peress illi l-fond kien munit b'*generator*, dana gie mixghul sabiex jipprovdi dawl ta' emergenza. Irrizulta, izda, illi anke dan kellu d-difetti peress illi kien storbjuz u beda jinqata' ta' spiss konsegwenza tal-fatt illi kien nieqes mill-*coolant*.

Hadd mill-partijiet jew in-nies illi xehdu f'din il-kawza ma qalu l-istabbilment kien munit b'tubu tal-emergenza kif suppost kellu jkun skond il-ligi. Anzi irrizulta illi biex ikollhom xi ftit dawl fil-kcina bdew jintuzaw il-*mobiles, torches* u jissellfu xi dawl tal-fotografu jew minn kamra ohra.

Illi ma hemmx dubju illi hawn huma nuqqasijiet serji da parti tas-socjeta' intimata. L-ewwel nett ma kellhiex dawl ta' emergenza u t-tieni illi ma saritx *maintenance* professjonali fuq il-generator ghax kieku ma kenitx tkun nieqsa mill-*coolant* u setghet tibqa' topera kif suppost sakemm tissewwa l-hsara fis-sistema principali.

Huwa inutli illi s-socjeta' intimata targumenta illi t-tieg sar xorta wahda. Jekk dan kien hekk, dan kien sforz ta' mistieden li ghamel minn kollox biex jipprova jsalva s-sitwazzajoni. Il-persuna addetta mal-post kulma ghamlet kien biss illi xeghel il-generator u xejn aktar. Is-sitwazzjoni giet ghan-normal meta gew tal-Enemalta u biddlu l-*fuse*, pero dan kien tard ghaliex in-nies kienu lahqu bdew jitilqu.

Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi hemm nuqqasijiet kbar da parti tas-socjeta' intimata li kienet fid-dover li tassikura illi hi tipprovdi dak is-servizz illi kienet ikuntrattata li tipprovdi. Ir-rikorrenti hallset l-ammont intier mitlub mis-socjeta' intimata u kwindi kellha kull ragun tippretendi li s-socjeta' intimata tipprovdi il-mezzi ghal servizz shih u komplet kif kuntrattat. Anke li kieku il-qtugh tad-dawl kien wiehed regjonali, xorta ma kienx jezonera lis-socjeta' intimata li jkollha l-mezzi sabiex tkompli tipprovdi s-servizz, jekk hemm bzonn bil-*generator* li jiffunzjona sew. Veru li s-socjeta' intimata kellha *generator* pero dan ma kienx mantenut sewwa u dan flimkien man-

nuqqas ta' dwal ta' emergenza ghamlu s-sitwazzjoni impossibli ghar-riceviment tat-tieg tal-attrici. It-Tribunal jidhirlu illi l-qtugh tad-dawl u n-nuqqas ta' *back-up* sodisfacenti huwa attribut ghal nuqqas da parti tas-socjeta' intimata, fejn allura ghandha terfa' r-responsabbilta talli naqset li tipprovdi s-serviz ippatwit. jekk xi servizz gie offrut, dan ma kienx ghal xi operat da parti tas-socjeta' intimata, izda b'kumbinazzjoni sforz ta' mistieden illi kien tal-mistier. Bil-qpija kemm ghal dak li huwa l-muzika, kemm ghal dak li huwa fotografu kif ukoll il-*caterers* kollha xehdu illi ma setghux jaghtu s-servizz li xtaqu bil-qtugh ta' dawl li gie manifestat dakinhar tar-riceviment.

It-Tribunal tinnota illi l-attrici ma abbuzatx b'dawn il-proceduri u talbet biss ir-rifuzjoni tal-ammont li hallset ghas-sala minghajr ma tallbet ghal danni morali, kif kellha dritt titlob b'dawn il-proceduri. Veru illi kien hemm xi saghtejn, forsi, meta l-elettriku kien supplit, pero' avveniment ta' tieg trid tarah fl-intier tieghu biex ikun success jew le, u mhux spezzetat f'saghtejn hawn jew saghtejn l-hemm. M'hemmx dubju li l-avveniment fl-intier tieghu ma kienx success u ta' dan ghandha tkun responsabbli unikament u esklussivament is-socjeta' konvenuta. Dan it-Tribunal ihoss illi l-argument tas-socjeta' intimata illi ma talbitx spejjes tas-sahra (overtime) huwa wiehed ferm redikolu fic-cirkostanzi u m'ghandux jigi ikkunsidrat. Pero' peress illi l-attrici rceviet xi rifuzjoni mill-VAT tajjeb li jkun xi temperament arbitrio bono viri fl-ammont mitlub.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta tirrifondilha l-ammont ta' €3,000.00 ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta' intimata.

Michela Spiteri LLD
Arbitru